MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 196/2006

**Wesley Vassallo**

**Vs**

**Dennis u Angela Ingram u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2008 gew nominati Dr Patrick Valentino u PL Luisa Tufiigno bhala kuraturi deputati.**

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' sebgha u erbghin elf mija u disgha u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€47,169.81) hlas lura ta' self li kien inghata skond skrittura tat-30 ta' Lulju 2002. Fir-rikors guramentat l-attur iddikjara li kull ma thallas hi s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Fil-5 ta’ Lulju 2006 il-konvenuti wiegbu li l-hlas ma kienx dovut ghaliex il-ftehim tat-30 ta’ Lulju 2002 jipprovdi li kellhom ghazla, jew ihallsu sal-1 ta’ Jannar 2003 bl-imghax jew li jaghtu ishma fil-kumpannija Music Zone Limited. Wara li skada t-terminu l-attur qatt ma sejhilhom sabiex jghaddulu l-40% tas-sehem fil-kumpannija Music Zone Limited, u din kienet l-uniku mod kif kellu jsir il-hlas gialadarba ma sarx il-hlas fi flus sad-data pattwita.

Ghalkemm jirrizulta li l-kuraturi kienu notifikati b’avviz ta’ rijappuntament wara li l-kawza kienet giet differita sine die. Fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2010 l-attur iddikjara li m’ghandux iktar provi u l-kawza giet differita ghat-18 ta’ Marzu 2010 ghas-sentenza. Wara inqala’ intopp fis-sens li d-difensur tal-attur kien deher fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2010 u ddikjara li l-konvenut kien miet. Pero qatt ma tressqet prova ta’ dan. Mill-atti hu evidenti li l-attur rega’ bdielu fis-sens li kkonkluda li gialadarba ma kellux prova certa li Dennis Ingram kien miet, ma kienx hemm htiega li ssir legittimazzjoni tal-atti.

Xhieda ma nstemghux ghalkemm fit-13 ta’ Lulju 2009 l-attur ipprezenta affidavit li pero baqa’ qatt ma giet notifikat. Il-qorti qeghda taghmilha cara li ghalhekk m’hijiex ser tqiesu bhala prova.

Il-ftehim tat-30 ta’ Lulju 2002 jipprovdi li l-konjugi Ingram kellhom *“… at the Second’s Party option (Ingram) to pay back the said amount twenty one thousand two hundred and fifty Maltese Liri (Lm21,250) in one instalment by not later than 1$^{st}$ January 2003 without interests or transfer unto the First Party forty per cent (40%) of the entire shareholding in Music Zone Limited, a limited liability company established under the laws of Malta and having its registered address at 42, Triq il-Faxxina, Swieqi.”*. Fil-kuntratt jinghad li Vassallo kien sellef is-somma ta’ Lm21,250 lill-konvenuti u ddikjaraw li huma certi, likwidi u debituri ghal din is-somma.
Id-decizjoni li ser taghti l-qorti hi limitata ghal dak li jirrizulta mill-iskrittura.

Ghalkemm hu minnu li l-ghazla ta' kif kellu jsir il-hlas kienet tal-konjugi Ingram, fil-fehma tal-qorti tali ghazla kellha ssir sal-1 ta' Jannar 2003. Gialadarba ghaddiet dik id-data l-kreditur ma kellu l-ebda obbligu li jircievi l-ishma. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti li l-ftehim kien fis-sens li kien *"jaghti option favur l-intimati illi sa data partikolari ihallsu l-ammont dovut minnhom jew jaghtu 40% shareholding fil-kumpannija Music Zone Limited, u wara d-data stipulata fil-ftehim, dina l-option favur l-intimati tintilef, u dawn jridu bilfors jaghtu l-40% shareholding fil-kumpannija Muscat Zone Limited."*. Imkien fil-klawzola ma jinghad li jekk sal-1 ta' Jannar 2003 ma jsirx il-hlas fi flus, allura l-hlas kellu jsir biss bi trasferiment ta' ishma. Hu altru milli evidenti li l-hlas kellu jsir sal-1 ta' Jannar 2003, u f'dan ir-rigward kellhom ghazla. Gialadarba sa dakinhar ma kienx sar it-trasferiment tal-ishma, allura l-attur ghandu kull jedd li jippretendi li jithallas fi flus kontanti.

Fl-ahharnett il-qorti tosserva li dak li ddikjaraw l-intimati fin-nota li pprezentaw fid-19 ta' Lulju 2006 ma gie bl-ebda mod ippruvat.

**Ghaldaqstant, il-kawza qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebgha u erbghin elf mija u disgha u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€47,169.81), bl-imghax mill-1 ta' Jannar 2003.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti. B'dan li spejjez relatati mar-rikorsi tat-13 ta' Settembru 2011 u 24 ta' Jannar 2012 u tal-affidavit li pprezenta l-attur, jibqghu a karigu tal-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------